# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2002.**

**Kawza Numru: 7**

**Citaz. Nru. 2360/98GV**

Doc.229-02

**High Flyer Services Limited**

**Vs**

**Giovanna Falzon u uliedha Joseph u Charles ahwa Falzon**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuta Giovanna Falzon u zewgha Silvio Falzon kienu bbukjaw mad-ditta attrici tour ghall-Lourdes, Franza, u meta kienu hemm, l-imsemmi Silvio Falzon, hassu hazin gravament u ddahhal l-isptar;

Premess illi, biex jigu frankati spejjez kbar, sar suggeriment li l-imsemmi Silvio Falzon jingieb malajr Malta biex jitkompla l-kura tieghu f'pajjizu;

Premess illi d-ditta attrici giet inkarigata mill-konjugi Falzon tiehu hsieb it-trasport u hwejjeg affini u fil-fatt irrangat biex jitla' tabib minn Malta u jnizzel lill-imsemmi Silvio Falzon hawn Malta b'ajruplan privat:

Premess illi, in vista tal-fatt li kienet id-ditta attrici li primarjament kienet se tassumi r-responsabilta' ghall-ispejjez, spejjez li l-konjugi Falzon obbligaw ruhhom li jhallsu meta jirritornaw lura Malta, il-konvenuta Giovanna Falzon u zewgha iffirmaw kambjali in garanzija tal-obbligazzjonijiet li kienet se tidhol ghalihom id-ditta attrici minhabba fihom;

Premess illi ftit wara l-wasla tieghu hawn Malta, l-imsemmi Silvio Falzon miet u l-armla u t-tfal tieghu gew mitluba jahmlu tajjeb ghall-obbligazzjonijiet li dahlet ghalihom ghan-nom taghhom id-ditta attrici;

Premess illi d-ditta attrici dahlet responsabbli ghall-spejjez ammontanti ghall-Lm4,938 li ghalihom, kif inghad, il-konvenuta Giovanna Falzon u zewgha iffirmaw kambjali;

Premess illi ghal dawn l-ispejjez, f'kull kaz, huma responsabbli l-konvenuti bhala li saru a beneficcju u fuq inkarigu taghhom u l-awtur taghhom;

Premess illi ghal dan is-servizz res mid-ditta attrici, ghandha tithallas ukoll kumpens xieraq;

Premess illi ghalkemm il-konvenuta Giovanna Falzon u uliedha gew interpellati, anke ufficcjalment, jonoraw dawn l-obbligazzjonijiet, dawn accettaw biss li jhallsu l-ispejjez ta' l-isptar, u ghall-bilanc ta' Lm4,522 baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti biex:

1. Ma jigux ikkundannati jhallsu lid-ditta attrici s-somma komplessiva ta' Lm4,522 (erbat elef, hames mija u tnejn u ghoxrin liri maltin), in parti import ta' tlett kambjali mahruga fid-19 ta' Lulju, 1997, u li jgibu n-numri 002, 003 u 005, rappresentanti spejjes inkorsi mid-ditta attrici fuq inkarigu u ghall-htigijiet tal-konvenuti u l-awtur taghhom;

2. M'ghandux jigi likwidat il-kumpens dovut lid-ditta attrici ghas-servizz minnha res kif inghad u,

3. M'ghandhomx l-istess konvenuti jkunu ikkundannati jhallsu lid-ditta attrici il-kumpens li jigi hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppresentat, tal-ittri interpellatorjii tad-29 ta' Lulju, 1998, u tal-24 ta' Awissu, 1998, kif ukoll tal-Ittra Ufficcjali tal-1 ta' Settembru, 1998, u bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Settembru, 1998 (data tan-notifika tal-imsemmija Ittra Ufficcjali), kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 38 tal-process fejn eccepew:

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet segwenti:

A. Illi meta dahal il-mejjet Silvio Falzon l-isptar gewwa Lourdes fi Franza s-sur Albino Micallef in rapprezentanza tas-socjeta' attrici kien qallhom li l-isptar qed jigi jiswa Lm800 kuljum u jekk jikri ajruplan privat dan ikun Lm700 kuljum.

B. Illi meta s-socjeta' attrici gieghlet lill-mejjet Silvio Falzon u lill-martu l-konvenuta Giovanna Falzon sabiex jiffirmaw xi karta bl-ebda mod is-socjeta' attrici meta spjegatilhom dawk il-karti x'inhuma aktar u aktar meta t-tnejn la jafu jaqraw u lanqas jiktbu.

C. Illi sahansitra s-socjeta' attrici anke qarqet bis-socjeta' Eurojet li minghandha kriet kienet l-ajruplan meta taparsi halsitha b'cheque li wara rizulta li kien "*referred to drawer*".

D. Illi fl-atti tal-kawza li Eurojet ghamlet lis-socjeta' attrici l-ewwel Qorti ddecidiet li l-hlas huwa dovut mis-socjeta' attrici. Din il-kawza qeghda issa fl-appell.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

3. Illi huma m'ghandhom ibatu spejjez.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri spettanti lill-eccipjenti.

Rat id-degriet a fol. 42, 89 u 94;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti, prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-konvenuti huma responsabbili ghall-ispejjez inkorsi mid-ditta attrici u ghall-hlas ta' kumpens ghas-servizzi resi tikkundanna lill-konvenuti

jhallsu lid-ditta attrici s-somma komplessiva ta' Lm4,522, in parti import ta' tlett kambjali mahruga fid-19 ta' Lulju 1997, u li jgibu n-numri 002, 003 u 005 rapprezentanti spejjez inkorsi mid-ditta attrici fuq inkarigu u ghall htigijiet tal-konvenuti u l-awtur taghhom; jigi likwidat il-kumpens dovut lid-ditta attrici ghas-servizz minnha res kif inghad; m'ghandhomx l-istess konvenuti jkunu kkundannati jhallsu lid-ditta attrici il-kumpens li jigi hekk likwidat.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi:

1. meta dahal il-mejjet Silvio Falzon l-isptar gewwa Lourdes fi Franza s-Sur Albino Micallef, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, kien qallhom li l-isptar ser jigi jisw**a** Lm800 kuljum u jekk jikri ajruplan privat dan ikun Lm700 kuljum.

2. Meta s-socjeta' attrici gieghlet lill mejjet Silvio Falzon u lill martu l-konvenuta Giovanna Falzon sabiex jiffirmaw xi karti bl-ebda mod is-socjeta' attrici ma spjegatilhom dawk il-karti x'inhuma aktar u aktar meta t-tnejn la jafu jaqraw u lanqas jiktbu.

3. Sahansitra s-socjeta' attrici anke qarqet bis-socjeta' Eurojet li minghandha kriet l-ajruplan meta taparsi halsitha b'cheque li wara rrizulta li kien "*referred to drawer*".

4. Fl-atti tal-kawza li Eurojet ghamlet lis-socjeta' attrici, l-ewwel Qorti ddecidiet li l-hlas huwa dovut mis-socjeta' attrici. Din il-kawza qedgha issa fl-Appell {L-appell inghata fit-23 ta' Mejju 2000}.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenuta Giovanna Falzon u zewgha Silvio Falzon kienu bbukkjaw mad-ditta attrici tour ghall Lourdes, Franza, u meta kienu gejjin lura, Silvio Falzon kien hassu hazin gravament u ddahhal l-isptar. Imbaghad kienu gabuh Malta malajr b'ajpruplan privat biex ikompli l-kura tieghu Malta.

Id-ditta attrici qed issostni li kienet giet inkarigata mill-familjari ta' Falzon biex jiehdu hsieb it-trasport ta' Silvio Falzon lura ghall Malta u fil-fatt irrangaw biex jitla' tabib minn Malta biex inizzluh b'ajruplan privat. Id-ditta attrici assumiet ir-responsabilita' ghall-ispejjez li eventwalment kellhom jithallsu mill-konvenuti, izda meta dawn sussegwentement gew mitluba biex ihallsu, rrifjutaw li jhallsu tal-kiri tal-ajruplan u hallsu biss l-ispejjez ta' l-isptar.

Silvio Falzon kien miet ftit granet wara li gie Malta, mentri Giovanna Falzon mietet fil-mori tal-kawza.

Mary Falzon, li tigi l-mara tat-tifel ta' Giovanna Falzon kienet irrangat biex titla' minn Malta meta infurmawha li Silvio Falzon kien hassu hazin u marret biex tassistih u tghin lill martu gewwa Franza.

Mary Falzon qed issostni li huma ma kienux ordnaw l-ajruplan privat biex igibu lill Silvio Falzon lura Malta. Hi xehdet li **p**eress illi Giovanna Falzon kienet dghajfa u ma tafx tikteb, din qaltilha biex tiffirma l-karti li tahom Micallef u hi ffirmat fuq struzzjonijiet taghha. Micallef ma qalilhomx x'fihom il-karti. Hi ffirmajt xi tmien darbiet f'dawn il-karti (fol 86). Id-diskors fuq l-ajruplan ma kienx sar maghha (fol. 87). Hi taf taqra izda il-karti ma qrathomx. Giovanna Falzon ma kinitx qrat il-karti u ma ffirmathomx. Hi ma tafx min kien kera l-ajruplan. Wara xi granet li waslu Malta, Micallef talabhom biex ihallsu tal-ajruplan u hi qaltlu li ma kienux qalulu biex jikri l-ajruplan. Bl-ispejjez tal-ajruplan huma setghu jibqghu

hemmhekk u jinzlu t-tlieta normali bl-Air Malta ghax Silvio kien tajjeb, tant li meta kienu fuq l-ajruplan anke kellem lill-Kaptan.

Tikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-ditta attrici kienet kriet ajruplan privat fuq struzzjonijiet tal-konjugi Falzon u familjari taghhom f'Malta billi Silvio Falzon ma setghax jibqa' l-isptar Lourdes fejn kien qed jigi ccargjat Lm800 kulljum. Dan hu konfermat minn Gerolama Attard li kienet organizzat it-Tour. Hi xehdet li l-familjari ta' Falzon kellhom jirrangaw ma' l-agenzija f'Malta biex lill Silvio Falzon inizzluh Malta. Albino Micallef xehed dwar l-arrangamenti li huwa ghamel ma Mary Falzon biex hi titla' bl-Air Malta qablu u hu jitla' bit-tabib bl-ajrupan privat. Ajruplan tal-linja normali ma kienx hemm disponibbili hlief it-tlieta ta' wara, u bl-ammont li kienu qed jiccargjaw l-isptar kien jaqbel li Silvio Falzon jitnizzel b'ajruplan privat. Jirrizulta li l-arrangamenti kollha saru a beneficcju ta' Falzon bil-kunsens taghhom. Anke Silvio Falzon kien accetta li jnizzluh Malta.

Il-konvenuti qed isostnu li Micallef ma qallhomx ezatt kemm kienu l-ispejjez tal-ajruplan. Illi dana mhux verosimili, billi jirrizulta mix-xhieda tal-Kaptan Lino Xuereb li Micallef kien jaf ezatt kemm kien ser jigi iccargjat tal-flight. Tant hu hekk li fil-kambjali li ffirmaw il-konjugi Falzon hemm indikat ezatt l-ammont li kellhom ihallsu ghall ajruplan.

Mary Falzon xehdet li hi ffirmat ghax giet sfurzata minn Giovanna Falzon u li Micallef ma qallhomx x'fihom il-karti li kienet ser tiffirma.

L-artikolu 978 tal-Kap 16 jipprovvdi li "[1] Il-kunsens jitqies mehud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli w iggieghla tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal

xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira. [2] F'dawn il-kazijiet ghandhom jitqiesu l-eta', is-sess u l-kundizzjoni tal-persuna".

Mary Falzon ma gabex ebda prova dwar l-allegazzjoni taghha li Giovanna Falzon sforzatha li tiffirma, anzi jidher mill-provi li kienet hi li hadet hsieb li taghmel l-arrangamenti kollha biex Silvio Falzon jitnizzel Malta. Jirrizulta inoltre mill-provi li Mary Falzon taf taqra, u nonostante dana ghazlet li ma taqrax il-karti u iffirmat mhux darba imma tmien darbiet. Ghalkemm Mary Falzon xehdet li Giovanna Falzon la taf tikteb u lanqas taqra, mill-provi prodotti ma jirrizultax li dina Giovanna Falzon kienet kontra li jinkera l-ajruplan jew li kienet qed topponi li jigu ffirmati li l-karti li Micallef ipprezentalhom biex jassumu r-resonsabilita' ghall-pagament ta' l-ispejjez li kienu ser isir.

Il-konvenuti qed jissottomettu wkoll li s-socjeta' attrici anke qarqet bis-socjeta' Eurojet li minn ghandha kriet l-ajruplan meta taparsi halsitha b'cheque li wara rrizulta li kien "*referred to drawer*" u li fl-atti tal-kawza li Eurojet ghamlet lis-socjeta' attrici, l-ewwel Qorti ddecidiet li l-hlas huwa dovut mis-socjeta' attrici.

Illi l-kawza imsemmija kienet halliet impregudikata l-pretensjoni ta' l-atturi ghall pagament ta' l-ispejjez li huma kienu gew imgieghla jhallsu. Il-Qorti ta' l-Appell kienet qalet li xejn ma jzomm lill atturi li jipprocedu kontra l-eredi tal-mejjet Silvio Falzon biex jiehdu lura kull ammont ta' flus li harget f'isimha ghall konvenuti (fol 46).

Albino Micallef dejjem sostna li hu assuma r-responsablita' u hareg il-flus billi kien inkarigat mill-konjugi Falzon u li huma kienu weghdu li jhallsuh meta jmorru lura Malta, haga li m'ghamlux.

Illi ghalhekk l-ewwel talba ta' l-atturi ghandha tigi milqugha.

**KUMPENS**

L-atturi qed jitolbu s-somma ta' Lm4,938; kwantu ghall Lm4,350 tal-kiri tal-ajruplan, Lm44 tal-ambulanza, Lm28 soggorn extra f'Lourdes, Lm416 spejjez l-isptar u Lm100 tabib. Minn dawn il-konvenuti hallsu Lm416 ta' l-isptar.

Barra l-ammonti imsemmija, l-atturi qed jitolbu wkoll kumpens dovut lid-ditta attrici ghas-servizz minnha resi lill konjugi Falzon. Illi dwar dina t-talba l-atturi ma gabux prova ta' x'qed jipptrendu, ghalhekk dina l-talba ma tistax tintlaqa.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel talba attrici ghas-somma ta' Lm4,522, bl-ispejjez kwantu ghal tlett kwarti (¾) ghall-konvenuti u kwart (¼) ghall atturi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**